MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**PADOVANI JACQUELINE LL.D.**

Seduta ta' 24 ta' Ottubru, 2002

Numru. 193/2001

PULIZIJA
SPETTUR JOSRIC MIFSUD
VS
KEVIN GATT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Kevin Gatt ta’ 21 sena, iben Anthony u Carmen nee Schembri, imwieled Pieta fit-30 ta’ Jannar 1980 u joqghod 35, Triq Sant Wistin, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita numru 139980M talli f’dawn il-gzejjer fil-lejl ta’ bejn it-18 u d-19 ta’ Marzu 2001 ghal habta tal-hdax u kwart ta’ filghaxija attakka jew ghamel resistenza ta’ vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx pubblika, kontra l-persuni ta’ PS 45 Marisa Bartolo, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienet tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita

kompetenti bi ksur tal-artikolu 96 u 96(a) tal-Kodici Kriminali.

Talli gewwa San Giljan, cioe il-Liquid Club, ghal habta tal-hdax u kwart, u cirkostanzi ingurja jew hebb jew ghamel offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ WPS 45 Marisa Bartolo, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienet taghmel jew minhabba li kienet taghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzgha jew li tinfluwixxi fuqha kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz ta’ l-artikolu 95(1) tal-Kodici Kriminali.

Talli fl-sitess data, lok, u cirkostanzi ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ WPS 45 Bartolo skon ma iccertifika it-tabib Dr G Moran MD tal-isptar San Luqa.

Talli fl-istess zmien u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika bl-ghajjat u bil-glied.

Talli bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b’mod iehor, bi ksur tal-artikolu 338(m) tal-kodici Kriminali.

Talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat u bi glied, bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni jirrizulta illi fit-18 ta’ Marzu 2001 il-pulizija kellhom struzzjonijiet illi jaghmlu spot checks u searches ghad-drogi go public party.

Illi WPS 45 Bartolo mmarkat lill-imputat ghax “kellu xi haga li ma laqtitniex” (ghalkemm lilu personalment ma tafux) waqfietu u fil-pront dan kellu xi haga li pprova jitfaghha go halqu – u ghalhekk ipprovat izzommu u l-imputat taha daqqa ta’ ponn.

PC706 u PC1199 u Spettur Norbert Ciappara hatfu lill-imputat li baqa jirresisti.

WPS Bartolo spiccat b’wiccha ahmar u ma setghetx iccaqlaq wiccha u ghalhekk l-ghada marret l-isptar.

In kontro ezami WPS Bartolo xhedet illi hija kienet qed tipprova zzomm halq l-imputat biex ma jiblax dak li tefa f’halqu. Xehdet illi huma kienu b’ilbies pajzan u li kienet ghazlet li tfittex fuq il-persuna tal-imputat ghax ghaliha kien jidher li kkokjat – ‘on a hunch’ ghazlet lill-imputat.

Xehdet illi kienet procedura tal-pulizija illi jwettqu searches fuq il-persuni qabel ma jidhlu parties izda ma setghet tghid jekk l-imputat qatt attenda public party qabel.

Bartolo xhedet illi kien biss meta semghahha tghid lis-surgent li kellhom jfitxxu fuq il-persuna tal-imputat, li l-imputat beda jirresisti.

PC706 xhed illi waqt li kienu jwettqu searches WPS Bartolo rat lill-imputat jibla xi haga u kienet gibditlu l-attenzjoni u fil-pront l-imputat xejjrilha daqqa ta’ ponn.

Illi min-naha tieghu l-imputat xehed illi huwa kien diehel party u kif diehel ezatt, wahda mara qabdietu minn ghonqu, u hasdietu u hu b’reazjoni imbuttaha. Kif ghamel hekk sab ruhu mal-art u kien ghadu ma jafx x’qed jigri.

Illi sa dan il-mument hadd ma kienx widdbu illi huma pulizija u kien biss wara li kien mixhut mal-art li pulizija minnhom qallu min kienu.

Xehed illi gieli mar party u gieli saru searches. Qal illi malli gie avzat li kienu pulizija mill-ewwel waqaf jirresisti.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda fuq esposta jirrizulta b'mod ampju illi l-imputat rreagixxa kif ghamel aktar sforz li inhasad bil-maniera bruska ta WPS Bartolo li fil-hegga taghha biex ma l-imputat jiblahiex is-suspettata droga, naqset li tinforma lill-imputat bil-kariga taghha ta' ufficjal tal-Pulizija.

Illi din il-Qorti temmen illi r-resistenza tal-imputat kienet reazzjoni instantanja kontra l-persuna li qabzet fuqu, u qabditu minn wiccu. Din il-Qorti temmen li l-imputat ma kellu ebda intenzjoni li jwegga lil Bartolo li agixxa sforz il-qata u in difiza tieghu innifsu.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.